# ....U L-ART TITKELLEM

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Għajjien, beżgħan u mwerwer taħt il-qilla
tal-gwerra u tan-nar,
nifsu maqtugħ, imbiċċer, kollu dmija,
mifni, miblugħ, musfar,

il-Bniedem kien ġej lura mit-taqbida;
u l-iġsma tal-mejtin
madwaru, kullimkien... fakkruh fil-ġlieda
qalila tal-bnedmin.

Kien mexa ftit u għeja. Imbagħad instabat
għal wiċċu fl-art: ma' idejh
ħass l-armi qerriden u t-trab ġo ħalqu...
Bid-dmugħ fi xfar għajnejh,

ħares lejn l-art u qal: "Għaliex dħakt bija?
Għaliex għamiltli hekk?
X'jiswa li tajtni l-ħajja mbagħad taħqarni
sakemm immut hawnhekk?

"Għalfejn, ja art bla qalb, fuq il-wiċċ tiegħek
turina l-ġmiel tal-ward,
għalfejn tnibbet il-qamħ u ttina l-ħajja,
għidli għalfejn, ja art,

"jekk int, ġo fik, tnissel ukoll il-għodod
tal-ħdejjed u l-azzar
biex tara lilna lkoll nitqatlu bihom
fid-dmija u fin-nar?"

Hekk qal il-Bniedem, wiċċu fl-art, imbikki,
maħqur u bla serħan.
U l-art semegħtu, u kollha ħlewwa wieġbet:
"Mhux jien għamiltlek dan,

"ibni għażiż. Int taf li jien ħabbejtek
u ridtlek biss il-ġid.
Għaliex qed tgħidli hekk? Kull m'għandi tiegħek:
bl-azzar u bil-ħadid

"li jiena ħżint fi ħdani int bnejt id-dinja
u d-dar kennija għalik:
huma l-għodda tal-ġid jekk tħaddem ħsiebek!
Le, le, mhux jien dħakt bik!

"Hares ġo fik biex int tkun taf mnejn ġejja
dil-ħerba kollha demm.
Idħol f'qalb il-bnedmin u l-għodod kiefra
issibhom kollha hemm!"